MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CAROL PERALTA

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2002

Numru 87/2001

**PULIZIJA**
**SPETTUR HELGA DEBONO**

**VS**

**MARK SCERRI**

**Illum 16 ta' Ottubru 2002.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Mark Scerri ta’ 23 sena, bin Joseph Scerri u Maria Rosaria nee’ Thomas, imwieled Pieta’ fl-1 ta’ April 1977 u residenti Redentur, Triq il-Qaliet, M’Scala, detentur ta’ karta ta’ l-Identita’ numru 178977 (M);

Talli f’dawn il-Gzejjer, f’Ottubru 2000, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

a. Ikkommetta serq ta’ LM 685 u dan, billi ghamel uzu ta’ Quickcash Card tal-HSBC, Cashlink Card tal-BOV u APS Card tal-APS Bank li kienu kollha f’isem Joseph Portelli, kif ukoll serq ta’ LM120 f’kontanti liema serq sar ghad-detriment tal-imsemmi Joseph Portelli, Bank of Valletta HSBC u APS Bank, liema serq hu aggravat bil-valur u dan bi ksur tal-Artikoli 261 u 268 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) xjentement laqa’ ghandu jew xtara affarijiet misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex imexxihom, jew ibieghhom u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap9 ta’ Malta.

Wara illi rat l-Artikoli 261, 268 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta’ l-imputat, ma’ thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imsemmi Mark Scerri hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti filwaqt li ssibu hati, qeghda tilliberah a tenur ta’ l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 152, li jhallas il-bilanc dovut u cioe’ LM185 fiz-zmien sitt (6) xhur mil-lum, kif ukoll qeghda tapplika l-Artikolu 5, that is-sorveljanza tal-Probation Officer Marietta Lanzon ghal terminu ta’ sitt (6) xhur mil-lum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------